MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1025/2012

Saviour **PISANI**

**Vs.**

**ENTERTAINMENTS LIMITED** (C-25687)

**Il- Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-12 ta’ Ottubru, 2012, li bih ir-rikorrent għar-raġunijiet hemm imfissra, talab

a) li din il-Qorti taqta’ l-kawża mingħajr smigħ għall-finijiet tal-artikoli 167 sa’ 170 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; u b) li l-Qorti tikkundanna lis-soċjeta’ mħarrka biex tħallas lill-attur is-somma ta’ ħamsa u għoxrin elf seba’ mija u tlettax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmi (€25,713.65) li

tirrappreżenta l-bilanċ minn dejn mistqarr mill-kumpannija mħarrka f'kitba tat-28 ta' Ġunju, 2012, li baqa' ma tħallasx minkejja l-għeluq taż-żmien mogħti fl-istess kitba. Talab ukoll l-ħlas ta' l-imgħax legali kif miftiehem fl-imsemmija kitba flimkien ma' l-ispejjeż;

Rat illi l-atti tar-Rikors ġew debitament notifikati lill-kumpannija intimata li naqset tidher meta ssejħet il-kawża, u hekk baqgħet kontumaċi.

Semgħet lill-attur;

Semgħet l-Avukat ta' l-attur;

Eżaminat l-atti tar-Rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fil-kontumaċja tas-soċjeta' intimata tiddeciedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur** u taqta' l-kawża mingħajr is-smigħ;

2) **Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lis-soċjeta' mħarrka biex tħallas lill-attur is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, seba' mija u tlettax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmi (€25,713.65) rappreżentanti l-bilanċ mid-dejn mistqarr kif fuq ingħad flimkien ma' l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-20 ta' Novembru, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv.

3) **Tikkundanna** lis-soċjeta' mħarrka tħallas **l-ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------